# Il-Ħuttafa

numru 99

Lulju - Awwissu 2010




il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



## Akrobati tal-Baħar

Tliet Dniefel Geddumhom Qasir (Bottlenose Dolphin) li dehru dan l-aħħar qrib ix-xatt ta' Malta.
Ritratt ta' **Chris Cachia Zammit**



# Hej Ħuttaf!

editorjal

Darba kien hemm tifel iħobb jitfa' l-ġebel u jkisser it-twieqi. Meta qabduh u staqsewh għaliex kien qed jagħmel il-ħsara, huwa wieġeb: "Ħeqq, dak il-passatemp tiegħi!"

Darba kien hemm tifla li kienet tħobb tħabbat il-bibien tad-djar u titlaq tiġri. Meta fl-aħħar qabduha u staqsewha għaliex qed iddejjaq lin-nies, din wieġbet: "Ħi, dak il-passatemp tiegħi!"

Darba kien hemm żagħżugħ li kien iħobb jisprejja ħafna kliem ħażin fuq il-ħitan. Meta fl-aħħar qabduh u staqsewh għaliex kien qed iħanżer il-ħitan, dan wieġeb: "Man, dak il-passatemp tiegħi, ras!"

Kemm hi skuża bla sens meta tagħmel il-ħsara u ssejħilha passatemp. L-istess jagħmlu n-nies li joqtlu l-għasafar u jgħidulu passatemp.

Iss! Jekk tħobb tagħmel il-ħsara, dak mhux passatemp imma vizzju ikrah li jrid jinqata'. F'paġna 4 taraw kif anke l-iSpanjoli fl-aħħar qed jibdew jaqtgħu l-vizzju moqżież tal-*corrida*.

Insomma ħbieb, gawdu l-vaganzi u tixxemxux wisq.

Victor
**Victor Falzon**
l-editur

## Biex ngħinu l-biodiversità...

L-aħjar mod biex tħajjar l-annimali jiġu fil-ġnien huwa billi tipprovdilhom l-ikel. Ħafna insetti jħobbu l-fjuri, għalhekk jekk tieħdu ħsieb li jkollkom dejjem xi ħaġa bil-fjuri, ħa jkollkom ġnien iktar ħaj u interessanti.

Il-ħxejjex aromatiċi bħal Nagħniegħ, Salvja, Klin, Merdqux, Ħabaq u Plejju huma popolari għax il-weraq tagħhom jintuża mal-ikel. Ħasra li ħafna nies dal-ħxejjex ma jħalluhomx jagħmlu fjuri, imma jqaċċtu l-weraq minnu bl-addoċċ. Jekk tħallu mqar parti mill-pjanta tikber u tagħmel il-fjuri, taraw l-insetti ġejjin, għax dawn ukoll jiġġennu għall-ħxejjex aromatiċi. B'hekk aħna ngawdu l-weraq u huma jgawdu l-fjuri. Armonija perfetta!



Victor Falzon

Il-ħxejjex aromatiċi anke fil-qsari jikbru, jiġifieri anke jekk għandkom bitħa madum, xorta tistgħu tiġbdu naħal u friefet.



mal-faċċata

Il-**Gallozz Iswed** (Moorhen) huwa wieħed mill-għasafar li jbejtu f'Malta. Iħobb postijiet fejn hemm għadajjar u ħafna ħaxix twil fejn jistaħba. Fir-ritratt taraw fellus ta' Gallozz Iswed li faqqas das-sajf stess fir-riserva naturali tal-Għadira. Kemm hu ħelu hux! Ritratt ta' Denis Cachia

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Xutt ieħor lin-natura? | 5 |
| Is-Simar | 6 |
| Dawk li jaqbżu! | 7 |
| Xalata Ċief u Dniefel | 8 |
| Swift Actiom | 8 |
| L-iSteppa | 9 |
| Agħti kulur... | 10 |
| Gallerija | 10 |
| Tgħidx ħmerijiet! | 11 |
| Mill-arti ta' Pau | 11 |
| Ntietef tan-Natura | 11 |


## il-kumitat


Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon


## il-kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu wkoll il-magażin Il-Ħuttafa li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1100 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

©BirdLife Malta, Awwissu 2010
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Mergħat Imħarsa!




Erba' rqajja' sbieħ ta' baħar madwar Malta għadhom kemm saru protetti. Dan sar biex jiġu mħarsa il-mergħat ta' Alka li jikbru fil-qiegħ f'dawn l-inħawi. L-Alka tifforma ħabitat importanti għal ħafna annimali tal-baħar, fosthom ħut, qarnit, bebbux u granċijiet. Dan pass għaqli tassew. Prosit! Issa nittamaw li dil-protezzjoni tkun ta' vera.



# Tal-Vina Safra hawn!

Il-mazzarelli kollha għandhom bżonn l-ambjent tal-ilma ħelu għax dawn ibidu fih u l-frieħ tagħhom jgħixu fl-ilma. Ħafna minnhom rari jitbiegħdu wisq mill-għadajjar u n-nixxigħat, u għalhekk Malta nieqsa sew minn dawn l-insetti, għax niexfa wisq għalihom.

Imma f'dawn l-aħħar snin żidna numru sabiħ ta' speċi ġodda ta' mazzarelli. Per eżempju fl-aħħar ħarġa ta' *Il-Ħuttafa* ġibna l-Kaħlan tal-Penz, li deher Malta l-ewwel darba f'Ġunju li għadda, fir-riserva tal-Għadira. Did-darba ħa nġibu fuq speċi oħra li wkoll m'ilhiex wisq li tfaċċat Malta. Dan huwa l-**Kaħlan tal-Vina Safra** (Yellow-veined Skimmer *Orthetrum nitidinerve*), li ra ftit minnhom seħibna Arnold Sciberras fis-sajf tal-2008 ħdejn għajn tal-ilma fil-Mellieħa.

Dal-mazzarell jismu hekk għax fi ġwinħajh għandu xi vini sofor. Ir-raġel (fir-ritratt) huwa blu u l-mara tkun kannella.

B'hekk issa l-lista ta' mazzarelli Maltin telgħet għal **18-il speċi**. Mhux ħażin għal gżira żgħira niexfa, hux!

Żommu għajnejkom miftuħin, forsi l-ispeċi ġdida li jmiss... issibuha intom!

# Runduni bir-Rimi!




Ir-**Runduni** reġgħu għamlu suċċess dir-rebbiegħa. Kif taraw mill-mappa, jidher ċar li l-inħawi ta' Tas-Sliema u San Ġiljan saru l-favoriti tar-Rundun f'pajjiżna, u bejtu fil-ventilaturi tad-djar f'diversi toroq t'hemmhekk. Dis-sena komplew jinfirxu, u issa bejtu anke San Ġwann, il-Gżira u Ta' Xbiex, u forsi anke Pembroke u Tal-Balal. Sadattant ir-Runduni tal-iMdina, tal-Mellieħa u tal-Mosta reġgħu bejtu b'suċċess, u kien hemm interess ukoll f'Birżebbuġa, l-iSptar Mater Dei, il-Marsa u d-Dwejra f'Għawdex.

Grazzi lil Ray Galea u lil Joe Sultana għat-tagħrif.

Żewġ bejtiet differenti ta' Rundun fi triq f'Tas-Sliema. Mid-dehra dawk il-ventilaturi bid-daħla doppja huma komdi ħafna għar-Rundun!

Ritratti meħudin f'Mejju li għadda minn Tim Micallef, membru tal-Klabb.


Tim Micallef


Tim Micallef

X'għandna mid-dinja?

# Olé! Daqshekk corrida f'Catalunya!





Ftit jiem ilu l-gvern ta' Catalunya (reġjun fi **Spanja**) waqqaf il-corrida. Dan sar wara li nies li jħobbu l-annimali ġabru 180,000 firma u ppreżentawhom lill-gvern. X'inhi l-corrida?

Il-corrida hija dik il-misħuta drawwa tal-*bullfighting*. Waqt corrida, irġiel sadisti jagħtu spettaklu billi jinku u jittorturaw il-barrin, u fl-aħħar joqtluhom waqt li l-udjenza jċapċpu bħal boloh.

Fi Spanja t-tortura tal-barrin għadha popolari. Kull sena fi Spanja jsiru iktar minn 1000 corrida, u kull sena jmutu iktar minn 11,000 barri b'dal-mod barbaru.

Imma issa f'parti minn Spanja n-nies xebgħu b'dil-kattiverija. Aħna nisperaw li ftit ftit din tinfirex mal-pajjiż kollu u l-corrida tinqata' kullimkien. Olè!

# Dar ġdida għaċ-Ċita?



Fl-**Indja** bi ħsiebhom jerġgħu jdaħħlu ċ-Ċita! Dari ċ-Ċita kienet komuni fl-Indja, imma nqerdet bil-misħuta kaċċa. Illum fid-dinja baqa' biss xi 10,000 Ċita, u dawn kważi kollha jgħixu l-Afrika.

Issa l-Indja iddeċidew li jitilqu numru minnhom fi tliet riservi naturali kbar f'Rajastan u f'Madhyar Pradesh. Kif naħseb tafu, iċ-Ċita hija l-iktar annimal tal-art li jiġri, kapaċi tilħaq ħeffa ta' 100km fis-siegħa. Naturalment, annimal bħal dan irid ħafna art fejn jgħix.

Nisperaw li l-proġett taċ-Ċita jirnexxi, mhux bħall-proġett biex isalvaw lit-Tigra, li ftit ftit qed tinqered mill-Indja.






Alison Buttiġieġ




# 5 miljun tank żlieġ!



F'April li għadda sploda bir taż-żejt li kienu qed iħaffru f'qiegħ il-baħar tal-Gulf of Mexico. Minnu ħarġu gliegel ta' żejt, li baqa' jiżbroffa tliet xhur sħaħ! Sa ma rnexxielhom isodduh, leħqu ħarġu fil-baħar xi 4,900,000 [1]tank żejt! Iż-żejt niġġes il-baħar u rvina ħafna xtut sbieħ mimlijin natura - ħut, għasafar, flora, fkieren tal-baħar. U għadhom ma jafux xi ħsara saret lill-ħajja ta' qiegħ il-baħar. Dan kien l-ikbar diżastru ambjentali fl-istorja tal-iStati Uniti, li fih mietu wkoll 11-il ruħ. U kollu minħabba l-kilba għall-flus.

Biex jiffrankaw il-flus, il-kumpanija taż-żejt (BP) li kienet qed tħaffer ma għamlitx l-affarijiet kif suppost.

**U ara x'ġara!**



**Pellikan Kannella, wieħed minn eluf ta' vittmi tad-diżastru.**

# Ftakar!




**Dal-poster għalik jekk iġġedded il-miżata fi Klabb Ħuttaf.**




[1] **tank żejt**. Dan huwa kejl ta' żejt, li jesa 159 litru. Bl-Ingliż jgħidulu *oil barrel*.

## X'Nista' Nara Tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**






Victor Falzon

### Ir-Rundun Kannelli

**Pallid Swift** *Apus pallidus*

Għasfur li ftit nies jafu bih huwa r-Rundun Kannelli. Ma jispikkax għax jixbaħ ħafna lir-Rundun fid-daqs, fl-għamla, fl-għajta u fil-kulur, imma huwa ftit iktar ċar. Għalhekk mhux se tarah itir u tagħrfu f'ħakka t'għajn, għax biex tagħrfu minn Rundun komuni trid tarah f'dawl tajjeb u mill-qrib. Bħal dejjem, l-esperjenza fil-berdwoċing tgħin ħafna. F'Malta jidher mir-rebbiegħa sal-ħarifa u hu inqas komuni mir-Rundun.

Ir-Rundun Kannelli jbejjet fl-artijiet madwar il-Mediterran u jqatta' x-xitwa fl-Afrika, 'l isfel mid-Deżert Saħara. Il-bejta jibniha kemm mal-bini kif ukoll mas-[1]sisien u l-irdumijiet. F'Malta qatt ma kellna rekords ta' bejtiet tiegħu, imma ftit snin ilu nstabet l-ewwel [2]kolonja żgħira fis-sisien tad-Dwejra f'Għawdex. Jidher li bil-mod il-mod qed jinfirex ukoll f'Malta.

Hawn min, għax hekk jaqbillu, jgħid li f'Malta ma jistgħux ibejtu għasafar, u jġibu kull skuża: bini, storbju, is-sħana tas-sajf. Ħaġa waħda jinsew isemmu: il-qerda li ġġib il-kaċċa! Għax oħroġ il-għaġeb, malli waqfet il-kaċċa fir-rebbiegħa f'dawn l-aħħar tliet snin, il-lista tal-għasafar li jbejtu f'Malta twalet ġmielha.

## Xutt Ieħor lin-Natura?

Ftit ilu smajna li ħa jibnu kumpless sportiv kbir f'Baħar iċ-Ċagħaq. Li nżidu l-faċilitajiet sportivi huwa tajjeb għax l-isport sabiħ, imma meta jkun proġett kbir trid toqgħod attent ħafna fejn se tibnih. Speċjalment f'pajjiż daqs tikka bħalma hi Malta!

Fl-art fejn għażlu diġà hemm xi bini ikrah, u tajjeb li jneħħuh. Imma ħafna mill-art hija beraħ u natura, u hemm parti li hija anke Sit Natura 2000. Meta post ikun Sit Natura 2000 jiġifieri jkun imħares bil-liġi għax ikun importanti għan-natura.

Allura jekk hi art protetta, kif ħa jibnu fuqha? Protetta jew mhix protetta? Min iħobb in-natura għandu raġun jinkwieta.

U iktar inkwetajna meta smajna li parti mill-proġett mhux ħa jkun veru għal-isport, imma ħa jibnu fih 300 dar. Bla sens!




Google Earth

Mappa ta' parti minn Baħar iċ-Ċagħaq. Il-linja l-ħamra turi fejn se jinbena l-kumpless sportiv. Il-parti l-ħadra hija Sit Natura 2000. Kif taraw, l-aħmar jaqbeż ġol-aħdar!




**www.birdinginmalta.com**



Tħobb l-għasafar? Mela żur il-websajt **Birding in Malta** għal tagħrif u ritratti fuq l-għasafar ta' Malta, u anke postijiet tajbin għall-berdwoċing. Dil-websajt ħolquha Nicholas Galea u Steve Zammit Lupi, żgħażagħ berdwoċers u membri ta' Klabb Ħuttaf.

[1] **sies**. Tip ta' rdum li jaqta' dritt, wieqaf u għoli. Ħafna mix-xatt tal-Punent u n-Nofsinhar ta' Malta huma sisien.
[2] **kolonja**. Grupp ta' annimali li jgħixu jew ibejtu flimkien jew viċin ħafna ta' xulxin.



F'Is-Simar mhux siġar biss hemm, imma hemm ukoll għadira mdawra b'ħafna qasab u pjanti oħrajn li jħobbu l-ilma.
Ritratt ta' Jason Aloisio

# Is-Simar

## Riserva naturali bis-sens!

Victor Falzon

Fil-Bajja tax-Xemxija, 'il ġewwa mit-triq prinċipali, hemm medda art ħadra maqtugħa għaliha. Din hija r-riserva naturali tas-Simar,

X'fih speċjali s-Simar? Ħaġa li hemm f'Is-Simar li f'Malta hija rari ħafna hija [1]għadira permanenti. Din l-għadira tagħmel il-post interessanti għall-ħajja għax, kif tafu, kull ħaġa ħajja trid l-ilma biex tgħix.

Minħabba dan l-ilma, fir-riserva naturali jikbru diversi pjanti tal-ilma, speċjalment **Qasbet ir-Riħ**. Is-Simar hemm meded sħaħ ta' qasab, li jifforma *reedbed*. Dan ukoll huwa ambjent rari f'pajjiżna.

Minbarra qasab hemm ukoll mijiet ta' siġar. Ħafna minnhom tħawlu xi 15-il sena ilu u issa kibru sew u joffru kenn, dell, frisk u ikel għal diversi annimali. Fost is-siġar tas-Simar hemm **Żebbuġ**, **Luq** u **Bruk**. Il-Bruka hija siġra li tiflaħ ħafna għar-raxx tal-baħar.

Skont l-ambjent issib l-għasfur. Il-meded tal-qasab jiġbdu lejhom għasafar bħar-**Russett tas-Siġar**, ir-**Russett Aħmar**, il-**Gallozz tax-Xitwa**, id-**Durrajsa tal-Qasab**, il-**Bufula Prima** u l-**Bufula tal-Qasab**. Dawn kollha jidhru spiss f'Is-Simar, naturalment skont l-istaġun tagħhom. Hemm minnhom mhux biss iżuru s-Simar, imma anke jbejtu fir-riserva.

Fl-ilma stess jgħix il-**Bużaqq**, ħuta rari ħafna f'Malta għax tgħix fl-għadajjar (li kif għedna, ma tantx għandna minnhom). Il-Bużaqq hija l-ħuta nazzjonali ta' Malta: forsi għalhekk iħobbuha tant ir-**Russett Griż**, l-**Agrett Abjad** u l-**Blonġun Żgħir** li jżuru l-post kull sena!

Dawn huma biss ftit ħafna mill-biodiversità li jagħmlu s-Simar kalamita għan-naturalist. Imma tiskanta, 20 sena ilu, ma kien jeżisti xejn minn dan! Mela x'ġara? Ġara li daħlet il-BirdLife fl-istorja!

Li ma kinitx il-BirdLife, Is-Simar ma jeżistix. Is-Simar huwa t-tieni riserva naturali li l-BirdLife ħolqot (wara l-Għadira). Qabel ma beda x-xogħol fl-1992, is-Simar kien roqgħa skart, ġrieden u drenaġġ. Imma wara ħafna ħsieb, xogħol u spejjeż, dal-proġett irnexxa. Is-Simar jurina li jekk nagħtuha ċans, in-natura ma tinsiniex!

Illum Is-Simar jiġbed lejh mhux biss natura, imma anke studenti, għalliema u publiku. Min jaf kemm minnkom diġà żortuh ma' tal-iskola.



Aron Tanti

Għasfur ta' San Martin
Sajjied prim!



Victor Falzon

Simar Niggież
Ir-riserva msemmija għalih!

**Ħinijiet ta' ftuħ**. Is-Simar jiftaħ għall-iskejjel fil-ġranet kollha tal-iskola. Nhar ta' Sibt u Ħadd jiftaħ ukoll għall-publiku minn Novembru sa Mejju mill-10am sa 4pm. Dħul bla ħlas. Ikun hemm ukoll min idawwarkom. Bla ħlas ukoll!

[1]**għadira permanenti.** Għadira li żżomm l-ilma s-sena kollha, bla ma tinxef.



Ġurat tad-Deżert





Ġurat tad-Dlil



# Dawk li jaqbżu!

Ħafna nies jibżgħu mill-ġurati għax jgħidu jagħtu s-sikkina. Imma din ħrafa għax il-ġurati lanqas biss jafu jiddefendu rwieħhom. Meta jaraw il-periklu, l-ewwel jippruvaw ma jiċċaqalqux biex ma jidhrux. Jekk il-kamuflax ma jaħdimx, jaħarbu billi jtiru jew jaqbżu. Tibżgħux mill-ġurati, ħbieb!



Grillu tar-Ramel



Kaħlani tax-Xagħri

F'Malta għandna iktar minn 40 speċi ta' ġurati u kuġini tagħhom. Hemm minnhom komuni ħafna, oħrajn rari immens. Hemm dawk li joħorġu bi nhar, u dawk li joħorġu bil-lejl. Ta' bil-lejl ngħidulhom GRILLI (bl-Ingliż crickets) u s-soltu dawn tagħrafhom għax ikollhom antenni twal. Għalhekk uħud minnhom jisimhom BUQRUN.









Buqrun Aħdar



Buqrun Baqri



Ritratti ta' Victor Falzon
Ħlief il-Grillu tar-Ramel, li huwa ta' Alex Casha.

# Xalata Ċief u Dniefel

Jirrapporta
**Tim Micallef**



Denfil Komuni



Ċiefa

Chris Cachia Żammit

Il-ħarġa ta' Klabb Ħuttaf bil-lanċa saret is-**Sibt 10 Lulju 2010**. Iltqajna fis-6.30pm iċ-Ċirkewwa fejn Kathleen Mamo u Ray Vella spjegawlna kif iċ-Ċief jinġemgħu f'rafts filgħaxija qabel ma jidħlu fil-bejtiet fl-irdum. Ftit wara s-7pm tlaqna b'żewġ laneċ għal taħt Ta' Ċenċ.

Bdejna naraw l-ewwel qtajja' ta' Ċief malli dħalna fil-fliegu t'Għawdex. Meta wasalna 'l barra minn Mġarr ix-Xini uħud minna lemħu xi dniefel jgħumu madwar il-lanċa, li bdew ukoll jaqbżu viċin tagħna. Dawn kienu l-ispeċi Denfil Komuni (Common Dolphin). Waqt li komplejna nersqu lejn Ta' Ċenċ rajna ħafna Ċief jinġabru f'rafts. Waħda mill-laneċ kienet ftit iżjed 'il ġewwa taħt is-sies u għalhekk kienet imdawra biċ-Ċief itir viċin, waqt li l-lanċa l-oħra kellha iżjed dniefel madwarha. Meta dorna lura għaċ-Ċirkewwa għaddejna minn ħdejn diversi rafts kbar ta' Ċief u konna fortunati li erġajna rajna d-dniefel.

Għal ħafna minn dawk li ġew din kienet l-ewwel esperjenza tagħhom li jaraw iċ-ċief, imma kienet esperjenza unika għal kulħadd li tara d-dniefel daqshekk qrib tiegħek.

# Swift Action
## Proġett għar-Rundun

Tiftakruha l-Mixja Maratona ta' Marzu? Kif qrajtu fl-aħħar ħarġa tal-magażin, il-flus li konna ġbarna dakinhar diġà nfaqna minnhom biex għamilna ħafna kaxxi għall-bejtiet tar-Rundun. Issa dawk il-kaxxi qed nibdew inwaħħluhom.

Ir-Rundun iħobb ibejjet f'postijiet għoljin, għalhekk il-kaxxi qed inwaħħluhom ma' bini għoli, bħal knejjes u torrijiet. Il-ħolma tagħna hi li s-sena d-dieħla xi Runduni jitħajru jbejtu f'dawn il-kaxxi. B'hekk Klabb Ħuttaf inkunu tajna daqqa t'id oħra biex inżidu l-biodiversità f'pajjiżna. Kif taraw mir-ritratti, ix-xogħol ta' twaħħil beda.

Nixtiequ ngħidu grazzi lil Jason Aloisio li qed jieħu ħsieb dal-proġett; u lil David Attard, John Borg, Michael Falzon u Ray Vella tal-għajnuna tagħhom. Grazzi wkoll lil Mario Camenzuli mill-Kummissjoni Ambjent tal-Knisja, li magħhom il-BirdLife qed tmexxi dal-proġett eċitanti.

Swift Action



Ray Vella mperreċ fuq it-turretta tat-Torri l-Aħmar biex iwaħħal erba' kaxxi. Kien riħ xi ħaġa dakinhar!



Tnejn mill-kaxxi jidhru mwaħħlin max-xifer tat-turretta.

Victor Falzon



John Borg qed iwaħħal waħda mill-kaxxi mal-ħajt tal-Kunvent tal-Karmelitani fl-iMdina.



Erba' kaxxi jidhru mwaħħlin lesti. Issa f'idejkom, Runduni!

Jason Aloisio





Victor Falzon

# L-iSteppa

Elisabeth Conrad

Medda art steppa bil-blat. Kif taraw jikber fiha ħafna ħaxix. IL-weraq niexef kannella ħamrani huwa tal-Għansar.

## X'jikber fl-isteppa?

Fl-isteppa ma nsibux siġar jew arbuxxelli kbar. L-ambjent tal-isteppa nsibuh f'postijiet b'ħamrija baxxa, u li spiss ikunu wkoll mikxufin għall-irjieħ. Għalhekk f'dan l-ambjent diffiċli jkampaw pjanti kbar, u nsibu l-iktar *grasses* u pjanti baxxi. Hemm diversi tipi ta' steppa. Insibu per eżempju steppa li tifforma fuq it-tafal. F'din jikbru, fost oħrajn, ħaxix bħall-**Ħalfa** u l-**Barrum tax-Xagħri**. Tip ieħor ta' steppa hija dik iddominata mix-xewk, fejn jikbru pjanti bħas-**Sajtun**.

Fost il-pjanti tal-isteppa nsibu diversi annwali. Dawn huma pjanti li jgħaddu ċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom fi staġun jew sena waħda: jinbtu, jikbru, jagħmlu l-fjuri u ż-żerriegħa, u jmutu.

Insibu wkoll dawk li nsejħulhom umbelliferi. Kif taraw, il-kelma *umbelliferi* tixbaħ il-kelma *umbrella*. Fil-fatt jekk tħarsu lejn, per eżempju, iz-**Zunnarija Selvaġġa** jew il-**Bużbież** (it-tnejn huma umbelliferi), taraw li l-fjuri jkabbruhom f'bukketti qishom umbrelel.

Hemm ukoll dawk li ngħidulhom ġeofiti, pjanti li jgħixu għal tul ta' żmien, però li jgħaddu parti miċ-ċiklu ta' ħajjithom taħt l-art, permezz ta' basal jew għeruq ħoxnin. Żewġ ġeofiti komuni huma l-**Berwieq** u l-**Għansar**.

## Kollox niexef?

Jekk taraw steppa bħalissa, fl-eqqel tas-sajf, faċli taħsbuha ambjent fqir u bla ħajja. Dan għaliex fis-sajf ħafna pjanti ġeofiti jnixxfu l-weraq kollha u jibqgħu ħajjin biss il-partijiet li jkunu moħbijin taħt il-ħamrija. Dawn il-partijiet iservu ta' ħażna ta' enerġija għall-pjanta, li b'hekk tibqa' ħajja. Kif appena tidħol ix-xitwa malajr taraw l-isteppa terġa' tieħu l-ħajja, hekk kif dawn il-pjanti jtellgħu weraq ġdid.

## U annimali?

Fost l-annimali tal-isteppa nsibu xi speċi ta' ġurati li diffiċli immens tarahom, per eżempju l-**Ġurat ta' Rasu Twila**. Dan għaliex il-ġurati għandhom kamuflax tajba ħafna. Minħabba li fl-isteppa ma tantx hemm fejn tistaħba, it-trikk tal-kamuflax iservihom ħafna lill-annimali! Żewġ għasafar li jħobbu l-isteppa huma l-**Bilbla** u l-**Alwetta**. Meta jtiru tarahom u tismagħhom, imma kif ipoġġu fl-art... jisparixxu!

## Fejn qiegħda?

F'Malta għandna kemm trid irqajja' ta' steppa. Ħafna minnha ffurmat meta l-għelieqi ntelqu u ma baqgħux jinħadmu.



L-isteppa tifforma b'mod naturali, imma tista' wkoll tifforma f'ambjent bħal makkja jew xagħri li għal xi raġuni jitlef ħafna mill-pjanti tiegħu. Dan jista' jiġri per eżempju jekk ikun hemm nirien li jeqirdu l-pjanti kollha u l-art tinkixef u l-ħamrija titkaxkar bir-riħ u x-xita. L-isteppa tista' wkoll tifforma f'postijiet fejn jittieħdu l-annimali biex jirgħu, jew fuq art agrikola li ma baqgħetx tinħadem.



Joe Sultana

Il-Bilbla u l-flieles tagħha jkunu kulur il-ħaxix niexef!



Victor Falzon



Meta mmorru ngħumu niftakru li xatt il-baħar huwa d-dar ta' ħafna annimali żgħar bħall granċijiet. Biex nieħdu pjaċir m'hemmx għalfejn naħqru jew noqtlu dawn l-annimali. Għandna nħalluhom bi kwiethom, u għandna nħallulhom l-ambjent tagħhom nadif u sabiħ kif sibnieh.



## Agħti kulur lil dal-granċ gustuż!

# GALLERIJA

Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu. Basta tan-natura.

## ARTI t'ASKYA

Kartun ħelu ieħor ta' **Askya Pizzuto** (14)



Il-MONAKELLA

**Ajkla Rasha Bajda**
Luca Żammit 8





**Papoċċi ta' Malta**
Chaanah Muscat 13



**Merill**
Lara Castillo 10



**Ħamran**
Abigail Magro 10

Il-Ħamran huwa wieħed mill-iktar mazzarelli komuni f'Malta, speċjalment fir-rebbiegħa. Ir-raġel ikun aħmar, u l-mara tkun ħadranija. Jiġifieri din mara.



# Tgħidx ħmerijiet!

**Desirée Falzon** iddur dawra ma' xi ħmerijiet li nisimgħu fuq l-annimali.




**Lanqas xejn!** Veru li l-friefet il-lejl għandhom għajnejhom żgħar ħafna, imma dawn xorta jużawhom, u jużawhom biex jaraw f'ħinijiet meta ma tantx hemm dawl, jiġifieri mal-għabex, matul il-lejl, u mas-sebħ. Fil-biċċa l-kbira, il-friefet il-lejl għandhom sens tas-smigħ straordinarju, u iktar jużaw dan milli l-vista biex isibu t-triq u l-priża fid-dlam ċappa. Imma dan ma jfissirx li huma għomja!

Bl-Ingliż jgħidu "blind as a bat", imma min ivvinta din is-*simile* naħseb ma kienx jifhem fil-friefet il-lejl!

Hemm grupp ta' friefet il-lejl kbar jgħidulhom *fruit bats.* Dawn itiru bi nhar, jieklu frott, għandhom għajnejn kbar u jaraw tajjeb. Il-*fruit bats* jgħixu kważi kollha f'artijiet [1]tropikali, u Malta ma jiġux.





John Borg

**Pipistrell Nanu**
Wieħed mill-friefet il-lejl ta' Malta. Jisma' ħafna, imma jara wkoll!

## mill-arti ta' PAU



# Ntietef tan-Natura 3

Ħarsa lejn xi annimal żgħar madwarna

## Il-Qabbieża

Il-brimb kollu jagħmel il-ħarir, imma mhux kollu jibni l-għanqbut. Hemm grupp ta' brimb żgħir ngħidulu **brimb qabbież** (bl-Ingliż *jumping spiders*). Dawn jaqbdu l-priża mhux fix-xibka imma billi jersqu lejha u jaqbżu fuqha. Biex jagħmlu hekk iridu vista tajba. Għalhekk il-brimb qabbież għandu erba' minn għajnejh kbar u jħarsu 'l quddiem. Bis-saħħa tagħhom il-brimba tikkalkula tajjeb kemm tkun bogħod jew viċin il-vittma tagħha. F'Malta għandha xi 20 speċi ta' brimb qabbież. Uħud minnhom, bħaż-Żebrina, spiss narawhom mal-ħitan tad-djar tagħna. Jekk taraw waħda tagħtuhiex fastidju. Anzi, osservawha bil-kwiet u forsi tarawha taħtaf xi dubbiena.




**Żebrina (raġel)**
tip ta' brimba qabbieża

Victor Falzon

[1]**artijiet tropikali.** Artijiet fl-inħawi sħan tad-dinja, jiġifieri fil-parti l-wiesgħa tal-pjaneta.

# **BOV** Young Savers Account




# aħna ngħinuk **tfaddal**

Faddal il-flus li taqla' permezz tal-**BOV Young Savers Account** u gawdi minn:

- **Karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont**
- **Rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'.**

www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020

**BOV**
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*